DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1590

tad-19 ta' Ottubru 2018

li temenda d-Deċiżjonijiet 2012/481/UE, 2014/391/UE, 2014/763/UE u 2014/893/UE fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal ċerti prodotti u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom

(notifikata bid-dokument C(2018) 6805)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-karta stampata u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/481/UE ([2]), tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

(2) Il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għas-saqqijiet tas-sodda u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE ([3]), tiskadi fit-23 ta' Ġunju 2018.

(3) Il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti assorbenti tal-iġjene u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/763/UE ([4]), tiskadi fl-24 ta' Ottubru 2018.

(4) Il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti kożmetiċi li jitlaħalħu u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/893/UE ([5]), tiskadi fid-9 ta' Diċembru 2018.

(5) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità dwar l-Ekotikketta tal-UE tat-30 ta' Ġunju 2017 (li sar fil-kuntest tar-REFIT) ([6]), il-Kummissjoni, flimkien mal-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE, ivvalutat ir-rilevanza ta' kull grupp ta' prodotti qabel ma pproponiet l-estensjoni tagħha. Din il-valutazzjoni kkonfermat l-adegwatezza tal-kriterji ekoloġiċi attwali, kif ukoll tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, stabbiliti bid-Deċiżjonijiet 2012/481/UE, 2014/391/UE, 2014/763/UE u 2014/893/UE. Barra minn hekk, din il-valutazzjoni wriet l-importanza li dawn il-gruppi ta' prodotti jinżammu fl-ambitu tal-Ekotikketta tal-UE, iżda, f'xi każijiet, billi dawn il-gruppi ta' prodotti jingħaqdu flimkien ma' gruppi ta' prodotti eżistenti oħrajn sabiex jittejbu s-sinerġiji bejn il-gruppi ta' prodotti u jiżdied l-użu tal-Ekotikketta tal-UE. Fir-reviżjoni jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-koerenza bejn il-politiki tal-UE, il-leġiżlazzjoni u l-evidenza xjentifika rilevanti.

(6) Il-prodotti tal-karta stampata u l-prodotti tal-karta ttrasformata huma marbuta mill-qrib ħafna ma' xulxin. Barra minn hekk, bħalissa għaddej proċess ta' reviżjoni għall-prodotti tal-karta grafika, li hija sottostrat tal-karta stampata. Sabiex jittejbu s-sinerġiji u jiżdied l-użu tal-Ekotikketta tal-UE għal dawn il-gruppi ta' prodotti, jenħtieġ li l-perjodu ta' validità tal-kriterji attwali għall-prodotti tal-karta stampata jiġi allinjat ma' dak tal-karta ttrasformata, u jiġi sal-31 ta' Diċembru 2020.

([1]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/481/UE tas-16 ta' Awwissu 2012 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-karta stampata (ĠU L 223, 21.8.2012, p. 55).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għas-saqqijiet tas-sodda (ĠU L 184, 25.6.2014, p. 18).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/763/UE tal-24 ta' Ottubru 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti assorbenti tal-iġjene (ĠU L 320, 6.11.2014, p. 46).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/893/UE tad-9 ta' Diċembru 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti kożmetiċi li jitlaħalħu (ĠU L 354, 11.12.2014, p. 47).
([6]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) u tar-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (COM(2017) 355 final).

(7) Biex jiżdied l-użu tal-Ekotikketta tal-UE għas-saqqijiet tas-sodda, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li dan il-grupp ta' prodotti jingħaqad mal-grupp ta' prodotti tal-għamara. Bħala l-ewwel pass, jenħtieġ li l-perjodu ta' validità tal-kriterji attwali għas-saqqijiet tas-sodda jiġi allinjat ma' dak tal-għamara, u jiġi sat-28 ta' Lulju 2022.

(8) Fir-rigward tal-prodotti assorbenti tal-iġjene, jenħtieġ li l-kriterji attwali tal-Ekotikketta tal-UE għall-Prodotti Assorbenti tal-Iġjene jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2022 sabiex tingħata stabbiltà lis-suq u lid-detenturi tal-liċenzji attwali u futuri potenzjali — ħaġa li tista' twassal biex jiżdied l-użu min-naħa tal-industrija.

(9) Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti kożmetiċi li jitlaħalħu jenħtieġ li jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2021 sabiex jitħalla ż-żmien biex tiġi konkluża r-reviżjoni tagħhom.

(10) Għaldaqstant, huwa xieraq li l-perjodu ta' validità ta' dawk il-kriterji u ta' dawk ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika jiġi estiż.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet 2012/481/UE, 2014/391/UE, 2014/763/UE u 2014/893/UE jiġu emendati skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2012/481/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tal-"karta stampata", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2020.".

Artikolu 2

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2014/391/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "saqqijiet tas-sodda", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sat-28 ta' Lulju 2022.".

Artikolu 3

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2014/763/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "prodotti assorbenti tal-iġjene", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2022.".

Artikolu 4

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2014/893/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "prodotti kożmetiċi li jitlaħalħu", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2021.".

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni